**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2018**

Numru 8

**Rikors Guramentat Nru. 679/2017**

**Helen Vella**

**vs**

**Louis Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-28 ta' Lulju, 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti silfet lill-intimat l-ammont ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500) ekwivalenti ghal sbatax-il elf, erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€17,475), u dan kif jirrizulta mid-Dok. HV1 u HV2, hawn annessi.

2. Illi meta l-esponenti talbet lill-intimat permezz tal-ittra ufficjali numru 43/17 datata 18 ta' Mejju, 2017 sabiex iroddilha lura l-ammont ta' flus lilu misluf (Dok. HV3), l-intimat baqa' inadempjenti.

3. Illi ghalkemm l-intimat qieghed jallega illi huwa hallas lill-esponenti l-ammont li hija silfitu (Dok. HV4), dan mhuwiex minnu, kif ser ikun ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-ammont imsemmi li l-esponenti silfet lill-intimat ghadu dovut.

4. Illi l-esponenti tiddikjara li taf personalment b'dawn il-fatti.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara li l-attrici hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€17,475); u

2. tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici l-ammont lilu minnha misluf ta' sbatax-il elf, erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€17,475).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2017 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-hlas effettiv tal-ammont dovut, kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi, fl-ewwel lok, jekk ghall-grazzja tal-argument biss kellu jitqies illi l-flejjes reklamati mill-attrici kienu jikkostitwixxu 'self' gia maghmul mill-istess attrici fl-2006 ghaf-favur tal-esponent, kif jinsab allegat fir-rikors promotur u bl-esebizzjoni tad-Dokument HV2 ipprezentat mar-rikors tal-attrici, il-pretensjoni taghha hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma kien hemm xi ftehim ta' 'self' bejn il-partijiet kontendenti kif qed jigi allegat.
Kull pagament li sar mill-esponent lill-attrici tul perijodu ta' zmien ma sarx ghaliex sehh xi 'self' bejniethom, izda b'intendiment specifiku li kellhom ghal kollox divers minn intendiment ta' 'self' wara li bdew jikkoabitaw fis-sena 2003.
Xi zmien ilu l-attrici wara li saret taf illi l-esponent isofri mill-'multiple sclerosis', iddecidiet li ttemm koabitazzjoni mieghu u b'konsegwenza ta' hekk ukoll iddecidiet li tirreklama 'self' li qatt ma sar.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Helen Vella xehdet li saret taf lill-intimat fit-2002 u wara ftit xhur kien talabha biex tmur tghix mieghu fid-dar tieghu gewwa l-Imtarfa. Kemm hi kif ukoll l-intimat kienu diga mizzewgin imma separati. Fit-2004 kellhom tifel li semmewh Mark u baqghu jghixu flimkien bhala familja sa' Marzu 2017. L-intimat kellu xi dejn mal-bank fuq il-post u kien talabha biex isselfu xi flus biex jaqta' d-dejn u ma jkompliex ihallas imghax. Fil-11 ta' Marzu 2006 ghamlet transfer ta' Lm7,000 mill-kont taghha fl-HSBC ghal kont tal-intimat (ara Dok. HV1 u 2 a fol. 4-5). Dok. HV2 (fol. 5) jirrizulta li (i) fil-11 ta' Marzu 2006 ttrasferit Lm7,000 ghal kont 14093378 tal-intimat u (ii) fil- 15 ta' Lulju 2006 ttrasferit Lm500 fil-Home Loan Account 14093378 tal-intimat. Hi kienet silfitu dawn il-flus minn qalbha bla imghax u ma kinitx tippressah biex jatihomlha lura.

Hi kellha rasha mistrieha ghax l-intimat kien ghamel testment fejn hallilha terz mid-dar. Bejn it-2004 u 2009 kienet waqfet mix-xoghol biex tiehu hsieb it-tifel taghhom u tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tad-dar. L-intimat kien jaghti ghaliha u ghat-tifel €60 fil-gimgha li wara zdiedu ghal €80 fil-gimgha. Fit-2009 regghet dahlet tahdem imma kienet tahdem part time u bir-reduced hours biex tkompli tiehu hsieb it-tifel. Kellha salarju ta' €611 fix-xahar u tela ghal €740 fil-2013. Hi kienet thallas ghal edukazzjoni, medicini, sport u attivitajiet extra kurrikulari tat-tifel. Kienet thallas ukoll ghal petrol tal-karozza. L-intimat baqa` jaghtiha €80 fil-gimgha imma dawn ma kienux iservuha u kienet tohrog minn flusha wkoll. Fuq insistenza taghha kien zied dan l-ammont ghal €80 fil-gimgha. L-intimat kien ighidilha li hi kienet qed tfaddal minn fuq dahru.

Fit-2015 l-intimat waqaf mix-xoghol ghax marad u ha l-early retirement ghalkemm fejn jahdem kienu offrewlu jaghmel xoghol iehor. Hu pprefera jiehu s-somma u ma ndahlitlux. Dak iz-zmien it-tifel kien ghadu zghir. Meta waqaf mix-xoghol l-intimat ma baqax jghaddilha l-flus tal-gimgha. Hija ghalhekk bdiet tahdem full-time u l-intimat beda jibbenefika minn dak li hija kienet qed taqla'. Biz-zmien beda jinqala l-inkwiet bejniethom kwazi fuq kollox. Hu kien anke jkecciha mid-dar izda hija kienet tghidlu li titlaq jekk jaghtiha l-flus li selfitu. Hu kien iwiegibha li mhu se jaghtiha xejn. Meta aggravaw l-affarijiet f'Marzu 2017 hija telqet mid-dar bit-tifel. Hi kienet talbitu l-flus imma kien jirrifjuta li jaghtihomlha. Hi kienet hadet loan mill-bank biex ikollha fejn tmur toqghod. L-avukat taghha kien baghat ittra ufficjali lill-intimat (Dok. HV3 a fol. 8) u hu wiegeb li ma hu dovut xejn. (Dok. HV4 a fol. 11). L-intimat qatt ma hallas xejn minn dina s-somma. L-intimat qed ighid li hu beda ihallas fil-2003 mentri s-self sar fil-2006. Inoltre ma jistax ighid li t-talba hija preskritta jekk qed jallega li hallas bejn it-2003 u 2015.

In kontroezami wiegbet li hi ma kinitx talbitu l-flus hlief meta ried ikecciha l-barra mid-dar. Hi kienet qaltlu li titlaq mid-dar jekk jaghtiha flusha. Hi kellha flus ohra l-bank u lill-intimat ma taghtux kull ma kellha. Kienet selfitu ghax kellha fuqhiex isserrah mohha. Hu ma kienx jaghtiha l-flus fil-gimgha biex jaqta' d-dejn imma ghal hajja ta' tlett persuni. Hi ma kinitx qalet lil intimat li kienet se isselfu l-flus biex ikun jista' jghaddilha ammont xieraq ta' manteniment. Hu kien inkwetat minhabba l-imghaxijiet u hija kienet lesta li sselfu l-flus minghajr imghax basta jaghtihomla xi darba. Billi hu

ma kellux aktar piz tal-loan, flok €60 kien beda jaghtiha €80 biex ighixu ahjar. Hu kien beda ighid li ma ghandu jaghtiha xejn meta hija talbitu lura l-flus biex tmur tghix ghar-rasha. Meta beda l-inkwiet hija kienet issemmilu l-flus u hu ma kien ighid xejn imbaghad fl-ahhar beda ighid li m'ghandu jaghtiha xejn. Hu beda jghid li kien hallashom b`dak li kien jaghtiha fix-xahar. Dawn kienu ghal hajja u lanqas kienu bizzejjed. Hu qatt ma qalilha diskors simili qabel. Qabel ma silfitu l-flus l-intimat kien diga beda jaghtiha l-flus ghal hajja. It-testment sar fil-2004 (qabel selfitu l-flus). Fil 2004 l-intimat kien diga beda ikollu sintomi ta' multiple sclerosis u kien qed jaghmel it-testijiet u kien jiehu l-medicini. Imbaghad meta gie certifikat li ma setghax jaghmel certu xoghol min kien jimpjegah beda jarah zejjed. Meta regghet xehdet qalet li meta l-intimat kien ighidilha biex titlaqlu l-barra, kienet twiegbu "Tini flusi u nitlaq il-barra". Hi kienet ghenitu jhallas id-dar.

Alison Mifsud Brimmer, rappresentanta tal-bank HSBC, xehdet li kien sar transfer ta' Lm7,000 fil 11 ta' Marzu 2006 u Lm500 fil-15 ta' Lulju 2006 mill-kont tar-rikorrent fuq dak tal-intimat.

Lorraine Falzon, rapprezentanta tal-MFSP Financial, ezebit id-Dok. LF1 a fol. 173 dwar l-assi monetarji tal-intimat.

L-intimat xehed li l-ftehim kien li hu jaghtiha ammont ta' flus fil-gimgha u biex jaqta' l-ammont li kien issellef minghandha. Hu kien jaghtiha flus fil-gimgha ghal hajja. Meta taghtu l-flus u qatgha l-loan li kellu mal-Bank, hu beda jaghtiha aktar flus ghal hajja. Qatt ma kien hemm xi patt li hija kienet ser isselfu l-flus. Hu fehem li hija taghtu l-Lm7,500 u li ma jinteressahiex aktar minnhom pero qatt ma qaltlu li dawk il-flus issa huma tieghu u ma tridhomx aktar.

**Kontestazzjoni**

Ir-rikorrenti qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-intimat sabiex ihallasha lura l-ammont ta' sbatax-il elf, erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€17,475) lilu mislufa minnha.

L-intimat wiegeb li il-pretensjoni tar-rikorrenti hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.

Eccepixxa wkoll li qatt ma kien hemm xi ftehim ta' 'self', izda intendiment specifiku li kellhom ghal kollox divers minn intendiment ta' 'self' wara li bdew jikkoabitaw fis-sena 2003. Il-ftehim kien li hi thallaslu d-dejn li kellu mal-bank u biex ipattilha kien zidielha l-manteniment li kien jaghtiha fil-gimgha ghax kien jibqghalu aktar flus f'idejh. L-intimat jaghti x'wiehed jifhem li l-gest tal-attrici kienet ghotja li giet rikambjata bil-gest ta' zieda fil-manteniment. Fi kliem iehor hu jinnega li hemm xi kreditur dovut lil attrici.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Dwar l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni, kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Giudo J. Vella vs Dr Emanuel Cefai**, (05/10/2001), minn dejjem gie sostnut illi "hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik tal-inezistenza tal-kreditu" (Vol XXX.i.964) kif qed jccepixxi l-intimat meta jghid li qatt ma kien hemm ftehim ta' 'self'.

Dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fil-mertu mhux kontestat li sar trasferiment ta' Lm7,500 mill-kont tar-rikorrenti ghall-kont tal-intimat. Ir-rikorrenti tghid li l-intimat ma hallasx xejn lura minn dawn il-flus ghalhekk kellha issir dina l-kawza.

Fir-risposta tieghu l-intimat qed ighid zewg affarijiet: (i) li ma kien hemm ebda self u (ii) li hu ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti ghax hu kien jaghtiha somma akbar fil-gimgha ghal hajja peress li halsitlu d-dejn li kellu mal-bank.

Dwar l-ewwel linja ta' difiza, f'parti mix-xhieda tal-intimat, meta mistoqsi mill-Qorti:

> Imma qatt fhimt inti li dawn is-Lm7,500 qabdet taghthomlok u ma jinteressahiex minnhom?
> Intimat : Jien hekk fhimt.
> Qorti: X'fhimt hija haga ohra.

Jidher li l-intimat donnu qed jippretendi li r-rikorrenti qabdet u taghtu Lm7,500 li hu seta' jzomm u juza biex jaqta l-loan li kellu fuq id-dar tieghu u li hija ma kienx se jinteressaha aktar minnhom. Mill-provi prodotti pero ma jirrizultax li dan kien il-kaz u ma hemm ebda ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimat li hu seta jiehu dawn il-flus ghalih minghajr ma jhallasx xejn lura.

Min-naha l-ohra l-intimat ighid ukoll li hu semmai hallas lura dan l-ammont bil-flus li hu kien jaghti lir-rikorrenti fil-gimgha.

Ir-rikorrenti xehdet li hija, l-intimat u t-tifel taghhom kienu jghixu bhala familja, u kemm hi kif ukoll l-intimat kienu jikkontribwixxu ghall-familja. L-intimat kien jghaddilha xi flus ghall-hajja fil-gimgha u t-tnejn li huma kienu jahdmu u jikkontribwixxu ghal-familja, ghalkemm kien hemm zmien meta hi kellha tieqaf biex trabbi t-tifel li kellhom. Hi tghid li kienet thallas ghal edukazzjoni, medicini, sport u attivitajiet extra kurrikulari tat-tifel. Kienet thallas ukoll ghal petrol tal-karozza. Il-flus li kien jghaddilha l-intimat ma kienux iservuha u kienet tohrog minn flusha wkoll biex jghixu. Fuq insistenza taghha l-intimat kien zied dan l-ammont ghal €80 fil-gimgha. Tghid li meta l-intimat hallas il-loan li kellu mal-bank, hu setgha jaghtiha xi haga aktar fil-gimgha biex ikunu jistghu ighixu ahjar.

Ir-rikorrenti tichad li dawn il-flus tal-hajja kienu intizi biex l-intimat jaqta mis-self li hija kienet ghamlitlu. Tghid li dawn il-flus bil-kemm kienu jservu ghal hajja ta' familja ta' tlieta, ahseb u ara kemm seta jaqta mis-self ta' Lm7,500. Fil-fatt mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod li kien sar xi ftehim, jew li r-rikorrenti kienet accettat li taqta d-dejn li kellu l-intimat maghha bil-flus li kien ighaddilha fil-gimgha ghal hajja. Kieku l-affarijiet graw kif qed ighid l-intimat, allura jigi li kienet ir-rikorrenti li qed tmantni l-familja mill-flus li hija ghaddiet lill-intimat biex ihallas il-bank u l-intimat ma jkun qed jaghti xejn bhala manteniment. Kieku r-rikorrenti ma taghtux il-flus, l-intimat ma kienx ikun f'posizzjoni li jghaddi l-manteniment.

Ir-rikorrent ma kinitx qed tinsisti li l-intimat ihallas lura l-flus ghax kienu f'relazzjoni u fl-istess hin kellha rasha mistrieha li anke kien halliehla parti mid-dar fit-testment tieghu. Imma meta imbaghad l-intimat beda ikecciha mid-dar hija bdiet titolbu lura l-flus li kienet selfitu imma l-intimat cahad li kellu jaghtiha xi haga. Il-Qorti hi tal-fehma illi r-rikorrenti selfitu l-flus biex ihallas id-dar u l-intimat ma jistax jippretendi imbaghad li jkecciha mid-dar minghajr ma jhallas dak li kien dovut lir-rikorrenti billi dak allegat minnu mhux sostenibbli mill-fatti prodotti kif inhu l-obbligu ta' min jallega xi haga kontra dak li jidher prima facie.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa'.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tiddikjara li l-attrici hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u hamsa u sebghin ewro (€17,475); u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas llll-attrici l-ammont mitlub;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2017 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-hlas effettiv tal-ammont dovut, kontra l-intimat.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur